MALTA

# QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-FAMILJA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Illum il-25 ta' Mejju, 2018

Mandat ta' Inibizzjoni Numru: 88/2018/2 LM

**Rita Borg (ID 263651M)**

***vs.***

**Paul Borg (ID 668847M)**

**Il-Qorti**,

Rat ir-Rikors tar-rikorrenti **Rita Borg (ID 263651M)** (minn issa 'l quddiem "ir-rikorrenti") li ġie ppreżentat fl-20 ta' April, 2018, li jgħid:

*Illi l-esponenti għandha interess li jitħarsu l-jeddijiet tal-esponenti:*

*Illi l-esponenti sabiex tikkawtela d-drittijiet tagħha, tixtieq iżżomm lill-intimat milli jbiegħ, jassenja, jew jittrasferixxi jew b'xi mod ieħor jikkonċedi drittijiet fuq kull sehem*

*u interess illi huwa jista' jkollu fuq beni u assi mobbiljarji u immobbiljarji li huma jippossjedu, senjatament fuq is-segwenti:*

1. *Appartament numru wieħed (1), Pyramid Apartments, Triq iż-Żirżieb, Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex;*
2. *Terran numru sitta u sebgħin (76), Triq l-Imdina, Ħal Qormi;*
3. *Garaxx bla numru, ġia bl-isem ta' 'Anton', Triq il-Kus, ġia Triq Ġdida Bla Isem, magħrufa bħala New Street off Olive Street, Qormi;*
4. *Garaxx fi ground floor level, bin-numru mija u disgħa u għoxrin (129), Triq Santa Liena, Sliema;*
5. *Mezzanin bl-arja tiegħu, bin-numru mija u wieħed u għoxrin (121), bl-isem ta' 'Neptune', Triq il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbugia;*
6. *Il-vettura tal-marka Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 8911;*
7. *Il-vettura tal-marka Benford bin-numru ta' reġistrazzjoni GAO 864;*
8. *Il-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HAS 464;*
9. *Il-vettura tal-marka TCM Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 503;*
10. *Il-vettura tal-marka HC Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni KBG 127;*
11. *Il-vettura tal-marka Toyota Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni IBI 202;*
12. *Il-vettura tal-marka Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni KBH 205;*
13. *Il-vettura tal-marka Toyota Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni HBC 314;*
14. *IL-vettura tal-marka Toyota Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni ABT 557;*
15. *Il-vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni DUW 691;*
16. *Il-vettura tal-marka Tadano Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni JBQ 114;*
17. *Il-vettura tal-marka Volkswagen Tiguan bin-numru ta' reġistrazzjoni PDR 763;*

*Illi l-ħajja matrimonjali ta' bejn il-partijiet sfaxxat minħabba raġunijiet imputabbli lill-intimat.*

*Illi f'aktar minn okkażjoni waħda l-intimat qal lir-rikorrenti illi huwa jrid jara kif jagħmel sabiex il-beni fuq imsemmija jittrasferihom fuq ismu u fuq isem terzi u dan minkejja illi l-proprjetà kollha tal-partijiet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejniethom.*

*Illi r-rikorrenti trid tikkawtela l-jeddijiet illi hija għandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti – partikolarment in vista tal-fatt illi l-intimat ittrasferixxa u ġibed flus mill-kontijiet bankarji bi preġudizzju għar-rikorrenti.*

*Ir-rikorrenti tiddikjara illi ai termini tal-artikolu 843 (1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija ddeduċiet il-pretensjoni tagħha kif hawn dedotti permezz ta' ittra ta' medjazzjoni numru 501/2018 kontestwalment mal-preżenti fil-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) ai termini tal-artikolu 4 (1) tal-Avviż Legali numru 397/2003, annessa u mmarkata bħala Dok. A.*

*Illi l-esponenti se tiġi ppreġudikata jekk l-intimat ma jiġix inibit kif ingħad peress illi għandha interess leġittimu stante illi l-beni u l-assi mobiljarji u immobiljarji hawn fuq indikati jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti.*

*Għaldaqstant, l-esponenti jogħġobha umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex iżżommu milli jkompli jagħmel il-ħwejjeġ hawn fuq imsemmija.*

Rat id-digriet tagħha tal-20 ta' April, 2018 fejn laqgħet ir-Rikors provviżorjament u rriservat li tipprovdi b'mod definittiv fi stadju ulterjuri, u dan ai termini tal-artikolu 875(2) tal-Kap. 12.

Rat ir-Risposta ta' **Paul Borg** (minn issa ''l quddiem "l-intimat") ippreżentata fis-27 ta' April, 2018, fl-atti ta' dan il-mandat, li tgħid kif ġej:

*Illi din ir-risposta qed issir ai termini tad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti datat 20 ta' April 2018, wara mandat ta' inibizzjoni mir-rikorrenti Rita Borg intavolat fl-20 ta' April, 2018 li permezz tiegħu r-rikorrenti Rita Borg qed titlob lil din l-Onorabbli Qorti toħroġ mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinżamm milli jbiegħ, jassenja jew jittrasferixxi jew b'xi mod ieħor jikkonċedi drittijiet fuq kull sehem u interess illi huwa jista' jkollu fuq beni u assi mobiljarji u immobiljarji li huma jippossjedu, senjatament fuq is-segwenti:*

*1. Appartament numru wieħed (1), Pyramid Apartments, Triq iż-Żirżieb, Xlendi, limiti tal-Munxar, Għawdex;*

*2. Terran numru 76, Triq l-Imdina, Ħal Qormi;*
*3. Garaxx bla numru, ġia bl-isem ta' Anton, Triq il-Kus ġia Triq il-Ġdida Bla Isem magħrufa bħala New Street off Olive Street, Ħal Qormi;*
*4. Garaxx fi ground floor level, bin-numru mija u digsħa u għoxrin (129), Triq Santa Liena, Sliema;*
*5. Mezzanin bl-arja tiegħu, bin-numru 121, bl-isem Neptune, Triq il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbugia;*
*6. IL-vettura tal-marka Ford Transit bin-numru ta' reġistrazzjoni JAD 8911;*
*7. IL-vettura tal-marka Benford bin-numru ta' reġistrazzjoni GAO 864;*
*8. IL-vettura tal-marka Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HAS 464;*
*9. Il-vettura tal-marka TCM Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni LCF 503;*
*10. Il-vettur tal-marka HC Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni KBG 127;*
*11. IL-vettura tal-marka Toyota Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni IBI 202;*
*12. Il-vettura tal-marka Isuzu Elf bin-numru ta' reġistrazzjoni KBH 205;*
*13. Il-vettura tal-marka Toyota Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni HBC 314;*
*14. IL-vettura tal-marka Toyota Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni ABT 557;*
*15. Il-vettura tal-marka Volkswagen Golf bin-numru ta' reġistrazzjoni DUW 691;*
*16. Il-vettura tal-marka Tadano Forklifter bin-numru ta' reġistrazzjoni JBQ 114;*
*17. Il-vettura tal-marka Volkswagen Tiguan bin-numru ta' reġistrazzjoni PDR 763;*

*Illi l-esponenti jopponi għat-talba tar-rikorrenti Rita Borg u jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti tiċħad dan il-mandat u dan għar-raġunijiet segwenti:*

*Presupposti ta' Mandat t'Inibizzjoni*

*Illi skont l-artikolu 873 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*"(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tkun li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat."*

*Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:*

*"(2) Il-Qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li għandu dawk il-jeddijiet."*

*Illi qabel ma jiġi ttrattat il-mertu tar-rikors promutur huwa essenzjali illi jiġu esposti l-elementi neċessarji sabiex jiġi ottenut il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni;*

*Illi l-presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ġew elenkati b'mod ċar mill-Onorabbli Qorti permezz ta' digriet datat 16 ta' Diċembru, 2016 fl-atti tal-mandat ta' inibizzjoni numru 1710/16LM fl-ismijiet 'Mary Grace D'Amato nee Micallef KI 285673M vs Raymond sive Ray u Georgina sive Gina konjugi Micallef bil-karta tal-identità rispettivi KI 272988M u KI 300168M' u kif ukoll permezz ta' digrieti oħra:*

*" (1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti: il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, l-hekk imsejjaħ periculum in mora;*

*(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jitħares dan il-jedd: tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-Artikolu 873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest bħala bażi ta' akkordar ta' ħruġ ta' mandate, hu preġudizzju 'li ma jkunx jista' jiġi rimedjat'. Irid jingħad ukoll jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat.*

*Apparti minn dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċioe telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et, deċiża fit-13 ta' Mejju, 2014, per Onor. Imħallef JR Micallef:*

*"Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni ma jingħatax fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi."*

*(3) Ikun jidher prima facie li r-rikorrent għandu dak il-jedd: il-liġi tħares il-jedd prima facie bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk prima facie, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd prima facie, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tagħha tal-14 ta' Lulju, 1988, fil-kawża Sonia Grech pro et noe vs Stephanie Manfre (Kollezz. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:*

*"… huwa rekwiżit oġġettiv u mhux suġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru prima facie, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."*

*(4) Il-mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Ara Charles Mugliett vs Saviour Bonnici fil-25 ta' Jannar, 2005, per Imħallef Joseph R. Micallef:*

*"il-ħarsien li l-liġi qiegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ppruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."*

*(5) Ir-rabta ta' mandat ta' inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħil (arm twisting) lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. 'B'dan il-mod, il-mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din." Ara Avukat Dr John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti, Prim Awla, 18 ta' Lulju, 2008.*

*(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk, jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat." (enfasi miżjud)*

*Illi applikati dawn il-prinċipji legali għall-każ de quo, jiġi rilevat:*

*1. Illi d-dritt pretiż mir-rikorrenti u li fuqu qed tibbaża t-talba tagħha għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni hu sabiex 'tikkawtela l-jeddijiet illi hija għandha fuq il-komunjoni tal-akkwisti'.*

*2. Illi dan il-mandat qed jiġi bbażat fuq il-premessa illi l-intimat allegatament hedded lir-rikorrenti li huwa jrid jittrasferixxi l-imsemmija beni fuq ismu jew fuq isem*

*terzi. Illi tali allegazzjoni bl-ebda mod ma tagħti jedd prima facie stante li hija allegazzjoni li ma treġix u dan għaliex primarjament jekk il-beni jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti ma jista' qatt jittrasferixxi fuq ismu għaliex ser jibqgħu xorta fil-komunjoni tal-akkwisti. Oltre dan kif ser jiġi rrilevat, kwalunkwe trasferiment ta' dawn l-immobbli jeħtieġu l-firma tar-rikorrenti nfisha u konsegwentement ma jista' jsir ebda trasferiment mingħajr il-firma tagħha. Oltre dan jiġi rrilevat illi fir-rigward tal-appartament numru 1, Pyramid Apartments, Triq iż-Żirżieb, Xlendi, il-garaxx numru 129, Triq Santa Liena, Sliema u l-mezzanin numru 121, Neptune, Triq il-Bajja s-Sabiħa, Birżebbugia, hija r-rikorrenti li għandha ċ-ċwievet ta' dawn il-fondi u saħansitra qed tirrifjuta li tagħti ċavetta ta' dawn il-fondi lill-intimat minkejja diversi interpellanzi da parti tiegħu. Għaldaqstant l-allegazzjoni tar-rikorrenti tista' semmai tiġi biss ikkunsidrata bħala disaġju jew tħassib iżda żgur ma tammontax għal jedd prima facie. Konsegwentement ir-rikorrenti m'għandhiex jedd prima facie u għaldaqstant dan ir-rekwiżit huwa nieqes;*

*3. Illi inoltre u mingħajr preġudizzju jiġi rrilevat illi rigward il-proprjetajiet immobbli elenkati anke jekk dawn inxtraw fiż-żwieġ u allura jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti, l-intimat ma jistax ibiegħ, jassenja jew jittrasferixxi jew jikkonċedi xi dritt fuq l-imsemmija immobbli mingħajr il-firma tar-rikorrenti. Konsegwentement ma jista' jsir ebda att li jista' jkun ta' preġudizzju ta' xi jedd tar-rikorrenti. Konsegwentement anki dan ir-rekwiżit ma hux sodisfatt;*

*4. Illi di piu jiġi rrilevat illi anke jekk jiġi ppruvat illi r-rikorrenti għandu xi jedd, dan il-mandat ta' inibizzjoni ma hux meħtieġ sabiex jiġi mħares dan il-jedd. Kif diġà ġie rrilevat f'każ li dawn il-proprjetajiet immobbli jaqgħu taħt il-komunjoni tal-akkwisti, ma jista' jsir ebda trasferiment ta' dawn l-immobbli mingħajr ma tkun preżenti r-rikorrenti. Inoltre f'każ li jsir xi trasferiment bi kwalunkwe mod, tali trasferiment huwa null jew annullabbli da parti tal-istess rikorrenti. Konsegwentement l-inkonvenjent jista' jitneħħa wkoll b'deċiżjoni u għaldaqstant anki dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-mandat ta' inibizzjoni huwa monk;*

*5. Illi di piu mandat ta' inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi fir-rigward tal-beni immobbli, kif diġà ġie elenkat ma jista' jsir ebda trasferiment mingħajr il-firma tar-rikorrenti, fir-rigward tal-beni tal-mobbli, ossia, vettura, jiġi rrilevat illi tali mandat ma kienx l-uniku rimedju tar-rikorrenti. Fil-fatt ir-rikorrenti, fir-rigward tal-vetturi setgħet tagħmel mandat ta' sekwestru fejn jiġi indikat Transport Malta bħala sekwestratarju u b'dan il-mod ebda trasferiment ta'*

*vetturi ma jkun jista’ jsir. Oltre dan kif diġà ġie rrilevat dan huwa biss tħassib jew disaġju da parti tar-rikorrenti. Konsegwentement ġialadarba l-allegat pretensjoni tar-rikorrenti jista’ jiġi kawtelat bi proċeduri kawtelatorji oħra skont il-liġi, u tenut kont li mandat ta’ inibizzjoni huwa ta’ natura eċċezzjonali, il-mandat ta’ inibizzjoni għandu jiġi miċħud;*

*6. Illi inoltre l-esponenti intimat iġib a konjizzjoni ta’ din l-Onorabbli Qorti illi l-mandat huwa bbażat fuq premessi inveritieri fosthom illi l-ħajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet ma sfaxxatx minħabba raġunijiet imputabbli iżda sfaxxat fix-xejn minħabba raġunijiet imputabbli unikament lir-rikorrenti senjatament iżda mhux limitatament għal sevizzi u eċċessi da parti tar-rikorrenti fuq l-intimat. Illi inoltre ma hux minnu illi l-intimat hedded li huwa jrid jara kif jagħmel biex il-beni jittrasferihom fuq ismu jew fuq isem terzi. Kif diġà ġie rrilevat jekk dawn il-beni jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, l-intimat ma seta’ qatt jagħmel trasferimenti simili.*

*Illi għaldaqstant ġialadarba r-rekwiżiti ta’ Mandat ta’ Inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi, ma jeżistux ir-rekwiżiti sabiex jintlaqa’ dan il-Mandat ta’ Inibizzjoni.*

*Għaldaqstant l-intimat esponenti jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad dan il-Mandat ta’ Inibizzjoni bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti Rita Borg.*

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti kollha tar-Rikors.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-10 ta’ Mejju, 2018 fejn ir-Rikors tħalla għal provvediment kamerali li qed jingħata llum.

Rat l-artikoli rilevanti tal-Kap. 12 relattivi għal mandati ta’ inibizzjoni, u partikolarment l-artikoli 831, u 873 sa 877 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

## Il-kwistjoni bejn il-partijiet

Ir-rikorrenti qiegħda titlob lill-Qorti, permezz tal-mandat intavolat minnha, sabiex tinibixxi lill-intimat milli jbiegħ, jassenja, jew bi kwalsiasi mod jittrasferixxi kull sehem u interess li hu għandu jew li jista' jkollu fuq numru ta' proprjetajiet u vetturi li jappartjenu lill-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet. Ir-rikorrenti ppremettiet illi f'dawn l-aħħar ġimgħat hi intavolat talba għall-ħatra ta' medjatur bejn il-partijiet, bl-intiża li jekk l-isforzi tal-medjatur ma jirnexxux, il-partijiet ikunu jistgħu jipproċedu għas-separazzjoni personali bejniethom. Ir-rikorrenti qiegħda tipprova tikkawtela l-jeddijiet tagħha fil-konfront tal-assi kompriżi fil-komunjoni tal-akkwisti, u dan wara li allegatament l-intimat hedded li jittrasferixxi l-proprjetà kollha li għandhom il-partijiet fuq terzi. Ir-rikorrenti ħasset il-ħtieġa li tipprova tikkawtela l-jeddijiet tagħha, wara li l-intimat ġibed flejjes mill-banek li kienu tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan mingħajr ma kien awtorizzat mir-rikorrenti jagħmel dan.

L-intimat qiegħed jopponi għall-ħruġ ta' dan il-mandat, u dan minħabba li hu qiegħed jeċċepixxi li r-rikorrenti m'għandha l-ebda jedd *prima facie* x'tikkawtela, u dan minħabba li l-beni kompriżi fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, ma jistgħux jiġu ttrasferiti mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti. L-intimat jallega li r-rikorrenti għandha l-pussess esklussiv ta' wħud mill-proprjetajiet elenkati minnha u li fuqhom qiegħda titlob l-ħruġ ta' dan il-mandat, tant li hija r-rikorrenti li għandha ċ-ċwievet ta' dawn il-postijiet, u fil-fatt l-intimat wera l-ħsieb li jipproċedi bi proċeduri kriminali fil-konfront tar-

rikorrenti jekk din tibqa' ma tirritornax iċ-ċwievet lill-intimat. L-intimat eċċepixxa li hu waħdu ma jista' jagħmel ebda att li jista' jkun ta' preġudizzju għall-jeddijiet tar-rikorrenti fuq il-komunjoni tal-akkwisti, u li jekk isir xi trasferiment da parti tal-intimat, dan ikun jew null jew invalidu, u per konsegwenza hemm mezzi proċedurali li r-rikorrenti tista' tagħmel użu minnhom f'każ li jseħħ dak li hi qiegħda tipprova twaqqaf bit-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat.

L-intimat wieġeb ukoll li l-vetturi li r-rikorrenti ppruvat tolqot bit-talba għall-ilqugħ tal-mandat odjern, ukoll ma jistgħux jiġu ttrasferiti stante li Transport Malta ġiet infurmata bil-proċeduri odjerni, kif ukoll bil-mandat ta' sekwestru ppreżentat mir-rikorrenti u għalhekk l-ebda trasferiment ta' xi waħda mill-vetturi jew inġenji elenkati mir-rikorrenti ma jista' jiġi rreġistrat.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

Ir-rikorrenti ppreżentat kopja taċ-ċertifikat taż-żwieġ ikkontrattat bejn il-partijiet, kif ukoll kopja tar-riċerki li saru f'isem l-intimat, sabiex tindika liema huma l-proprjetajiet li ġew akkwistati minnu matul iż-żwieġ u b'hekk jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-intimat min-naħa tiegħu esebixxa vera kopja tal-mandat ta' sekwestru bin-numru 90/2018 li permezz tiegħu r-rikorrenti kkawtelat is-somma ta' miljun Euro rappreżentanti sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, wara li kkunsidrat il-valur tal-proprjetajiet immobbli, il-flus fil-banek, il-vetturi u l-inġenji li jaħdem bihom l-intimat żewġha, u dan

sabiex tikkawtela l-pretensjonijiet tagħha fuq l-assi kompriżi l-komunjoni tal-akkwisti.

**Konsiderazzjonijiet legali:**

Skont l-artikolu 873(1) tal-Kap. 12 li jistabbilixxi r-rekwiżiti ġenerali għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, l-iskop ta' mandat ta' din ix-xorta huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel kwalunkwe ħaġa li tista' tkun ta' preġudizzju għall-persuna li qed titlob il-mandat.

Illi skont l-artikolu 873(2) tal-Kap. 12:

> "873. (2) Il-qorti m'għandhiex toħroġ tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa meħtieġ sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent *prima facie* jidher li għandu dawk il-jeddijiet."

Illi jirriżultaw minn dan l-artikolu tliet presupposti għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni:

(1) Ikun sejjer isir xi att li jista' jkun ta' preġudizzju għal xi jedd tar-rikorrenti. Il-periklu jkun għad-dritt fiż-żmien meħtieġ biex jinkiseb pronunzjament fil-mertu, 'l hekk imsejjaħ *periculum in mora;*[1]

[1] Ara f'dan is-sens **Sonia Grech *pro et noe vs. Stephanie* Manfré** - Q.A.,14.07.1988, Kollez.Vol. LXXII.ii.290 u **40, Main Street Catering Establishment Limited *vs.* L-Awtorità tal-Ippjanar**, P.A., 02.11.2010.

(2) Iż-żamma tal-imsemmi att tkun meħtieġa biex jiġi mħares dan il-jedd. Tenut kont tal-fatt illi s-subinċiż (2) huwa marbut mas-subinċiż (1) tal-artikolu 873 tal-Kap. 12, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-grad ta' preġudizzju. Rikonoxxut il-jedd *prima facie* tar-rikorrenti, il-grad ta' preġudizzju rikjest sabiex jiġi akkordat il-ħruġ tal-Mandat, huwa wieħed "li ma jkunx jista' jiġi rrimedjat". Irid jingħad ukoll illi jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa, imqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.

Illi apparti dan, ħsara jew preġudizzju ma titqiesx bħala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju ċjoè telf ta' qligħ jew flus. Di fatti, skont l-insenjament mogħti fid-digriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara *et vs.* Carmelo Barbara *et***[2]:

> "Tqis illi huwa wkoll miżmum li l-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni ma jingħatax ġeneralment fejn il-pretensjoni ta' min jitolbu tkun waħda li tirreferi għal kumpens kwantifikabbli u ħlas ta' danni meta dan jista' jitħares b'rimedju proċedurali kawtelatorju ieħor skont il-liġi.";

Il-Qorti m'għandhiex toħroġ Mandat bħal dan jekk ma tkunx soddisfatta li l-imsemmi Mandat huwa neċessarju sabiex jitħarsu l-jeddijiet tar-rikorrent u ċjoè dannu irrimedjabbli li jinneċċesita rimedju adegwabbli. F'sentenzi oħrajn il-Qrati tagħna jkomplu jelaboraw fuq dak li jfisser dannu irrimedjabbli u l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-proċeduri fl-ismijiet **Angelo Xuereb *et noe vs.* Marin Hili *et noe*** (Rikors Numru 3135/94) tispjega:

[2] P.A., 13.05.2014.

> "… il-frażi 'tkun ta' ħsara' (fl-Art. 873(1) tal-Kap. 12) għandha tingħata interpretazzjoni li dak li qed jipprova jiġi inibit, jekk ma jiġix inibit, jista' jkun ta' preġudizzju fis-sens li mhux biss jikkawża ħsara però li jikkawża ħsara li m'hemmx alternattiva għalih almenu fil-mori tal-kawża jew li l-alternattiva hija sproporzjonata …".[3]

(3) ikun jidher *prima facie* li r-rikorrent għandu dak il-jedd. Il-liġi tħares il-jedd *prima facie* bħala rekwiżit meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat. Irid għalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie*, biex jimmerita ħarsien. Mhux biżżejjed li jkun sempliċi diffikultà, disaġju jew tħassib. Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, il-Qorti tal-Appell, fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet **Sonia Grech *pro et noe vs.* Stephanie Manfré**[4] sostniet is-segwenti:

> "... huwa rekwiżit oġġettiv u mhux soġġettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-ġudikant, jew il-jeddijiet jidhru *prima facie*, mal-ewwel daqqa t'għajn, jew ma jidhru xejn, għall-finijiet tal-ħruġ tal-mandat."

Illi jingħad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba għall-ħruġ tal-Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant ieħor ma jfissirx, illi għax talba għall-ħruġ ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiż ma jeżistix. Mhux il-kompitu tal-Qorti fl-atti tal-Mandat tara jekk il-jedd pretiż huwiex suxxettibbli għal suċċess fl-azzjoni fil-mertu, iżda biss jekk il-jedd pretiż jikkwalifikax bħala tali għall-finijiet oġġettivi tal-liġi.

[3] Dan l-insenjament jirrifletti duttrina illi kienet diġà ġiet stabbilita u enunċjata preċedentement mill-Qrati nostrani fosthom, *inter alia*, fil-proċeduri fl-ismijiet **Avukat Dottor Victor Borg Grech vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 3984/92), **Victor Mizzi vs. Joseph Gasan et** (Rikors Nru. 4216/92) u fid-digriet fl-ismijiet **Perit John Gambina vs. Fithome Limited**, P.A., 28.01.2005.
[4] 14.07.1988, Kollez. LXXII.II.295.

Illi kulma hu meħtieġ, u fl-istess ħin huwa biżżejjed, għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni, li jkun hemm *fumus boni iuris*. Huwa loġiku li billi l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa att kawtelatorju li jrid jinħareġ qabel ma jiġi aċċertat min għandu raġun fil-mertu, il-Mandat jinħareġ favur dak li "jidher", fi kliem l-istess liġi, mal-ewwel daqqa t'għajn li għandu raġun, jiġifieri b'mod verosimili jew plawsibbli, fi kliem ieħor b'mod li jitwemmen jew ikun kredibbli. Dan min-naħa l-waħda jeskludi pretensjonijiet li huma frivoli jew assurdi, jew saħansitra fejn hemm mera possibbiltà u min-naħa l-oħra jeskludi l-ħtieġa li l-pretensjoni jkollha probbabilità kbira li tintlaqa' fil-mertu. Dan hu konformi maċ-ċirkostanza li proċedura ta' din ix-xorta hija intiża sabiex tkun sommarja, billi mhuwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dan kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smigħ tal-kawża dwar il-jedd. Dan billi fil-proċess dwar il-mertu, l-iskop hu li jiġi aċċertat x'inhu d-dritt fil-każ konkret, filwaqt li l-iskop tal-proċess għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni għandu biss il-funzjoni strumentali li jikkawtela pretensjoni ta' dritt, anke jekk din tista' ma tkunx fondata, sakemm ikun hemm pronunzjament ġudizzjarju dwar jekk hix tabilħaqq fondata fid-dritt jew le.

Mal-imsemmija tliet elementi espliċitament imsemmija mil-liġi, jistgħu jiżdiedu oħrajn, bosta minnhom elaborati mill-ġurisprudenza:

(4) Il-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meqjus bħala mezz proċedurali ta' natura eċċezzjonali. Illi kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Charles Mugliett *vs.* Saviour Bonnici**:

> "Illi … l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provvediment legali. Il-ħarsien li l-liġi qegħda timmira għalih bi proċediment bħal dak tal-lum huwa li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma ntlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għemil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu filwaqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat."[5];

(5) "Ir-rabta ta' Mandat ta' Inibizzjoni m'għandhiex tintuża bħala arma ta' theddid jew ġegħiel *(arm twisting)* lill-parti intimata li, jew tagħmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma tagħmel xejn. B'dan il-mod, il-Mandat ma jibqax għodda li tħares il-jedd *prima facie* tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li żżomm lill-parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet tagħha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-liġi li l-Mandat ta' Inibizzjoni jinbidel f'arma bħal din."[6]

(6) Ir-rekwiżiti għall-ħruġ tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Għalhekk jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat.[7]

**Ikkunsidrat:**

---

[5] P.A., 25.01.2005.
[6] Ara sentenza fl-ismijiet **Avukat Dr John Gauci *vs.* Direttur tal-Kuntratti**, P.A., 18.07.2008.
[7] **Marica Cassar *et vs.* Del Sol Properties Limited,** P.A. kif hawn presjeduta, 27.12.16.

Permezz tat-talba tagħha għall-ħruġ ta' dan il-mandat, ir-rikorrenti trid tikkawtela l-jeddijiet pretiżi minnha fuq l-assi kompriżi fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejnha u bejn l-intimat, u dan wara li kienet hi stess li bdiet proċeduri għall-ħatra ta' medjatur bejn il-partijiet. Fi kliem id-difensur tar-rikorrenti, it-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni saret fi stadju pjuttost bikri, u ċioè ftit wara li ntalbet il-ħatra ta' medjatur sabiex jara jekk hemmx lok li l-partijiet jirrikonċiljaw bejniethom, jew inkella għandhomx jipproċedu bis-separazzjoni personali, u dan sabiex tevita li jkun hemm sparpaljar tal-assi tal-komunjoni tal-akkwisti mingħajr il-kunsens tagħha. Ir-rikorrenti pproteġiet il-jedd pretiż minnha permezz ta' mandat ta' sekwestru kawtelatorju li ġie notifikat lill-banek kollha, lill-Borża ta' Malta u lil Transport Malta, sabiex dawn ikunu infurmati li m'għandhomx jirrilaxxaw flejjes jew jippermettu t-trasferiment tar-reġistrazzjoni ta' vetturi minn fuq isem l-intimat, u għaldaqstant f'dak li jirrigwardja l-flejjes u l-vetturi kompriżi fil-komunjoni tal-akkwisti, ir-rikorrenti diġà ssalvagwardjat l-interessi tagħha b'mezz proċedurali ieħor. M'hemmx dubju li r-rikorrenti għandha jedd *prima facie* li tikkawtela sehemha fil-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, u f'dak ir-rigward jidher li r-rekwiżit tal-jedd *prima facie* jeżisti u ġie sodisfatt.

Madanakollu, ir-rekwiżiti stabbiliti mil-leġiżlatur qabel l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni huma kumulattivi u mhux alternattivi, b'dan illi r-rikorrenti jeħtieġilha turi wkoll li jekk ma jinħariġx il-mandat hija sejra ssofri preġudizzju irrimedjabbli. Din il-Qorti diġà drabi oħra ġiet iffaċċjata b'talbiet simili f'sitwazzjonijiet prattikament identiċi għal dik odjerna, u l-ħsieb ta' din il-Qorti

hu li f'każijiet simili għal dak odjern, ir-rikorrenti għandha l-konfort li l-proprjetà immobbli li hi tixtieq tolqot b'dan il-mandat, ma tistax tiġi ttrasferita b'mod li jkun validu u konformi mal-liġi, sakemm ma tidhirx hi ukoll fuq l-att ta' trasferiment ta' din il-proprjetà. Skont l-artikolu 3A(3) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta,

> "Il-parti li ma tkunx tat il-kunsens tagħha għal trasferiment tista' ġġib azzjoni għall-annullament ta' trasferiment li ma jkunx sar skont is-subartikolu (2) f'għeluq sena minn meta t-trasferiment ikun ġie rreġistrat."

Għaldaqstant, il-leġiżlatur ħaseb biex jipprovdi rimedju li jolqot proprju dak li qiegħda tittenta twaqqaf ir-rikorrenti, il-bejgħ jew kwalunkwe trasferiment tal-assi kompriżi fil-komunjoni tal-akkwisti jekk tali bejgħ jew trasferiment isir mingħajr il-kunsens ta' xi parti li jkollha sehem minn dik il-proprjetà. F'deċiżjoni mogħtija minn din il-Qorti kif presjeduta nhar it-3 ta' Frar, 2016, fl-ismijiet **Desiree Lowell Borg *vs.* Michael Lowell,** il-Qorti kienet stabbiliet illi:

> "Huwa minnu li sabiex tirrikorri għal dan ir-rimedju r-rikorrenti trid tiftaħ kawża, imma billi kif ġià ngħad aktar'il fuq il-proċedura ta' mandat ta' inibizzjoni hija waħda eċċezzjonali li għandha tiġi invokata biss meta ma jkunx hemm rimedju proċedurali ieħor disponibbli, mhux permissibbli li jiġi ppreżentat mandat ta' inibizzjoni minflok tintuża din il-proċedura – proċedura, wara kollox, li tkun waħda skjetta, bl-oneru sempliċi, bħala prova, li jiġi prodott il-kuntratt opportun.
>
> Mhix raġuni valida fil-liġi li kawża tinvolvi xi spejjeż. Ġaladarba l-leġislatur ħass li għandu jipprovdi dan ir-rimedju speċjali, bi proċedura partikolari – dik ta' kawża – hija din il-proċedura li għandha tiġi segwita jekk u meta jintlaqa' l-bżonn fl-eventwalità li jinbiegħ is-sehem indiviż mid-dar matrimonjali, u mhux dak eċċezzjonali ta' mandat ta' inibizzjoni li ssir *a priori*.

> Għalhekk, f'dan il-każ jonqos it-tieni rekwiżit għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni, billi jekk ma jinħariġx, ir-rikorrenti ma tista' ssofri l-ebda preġudizzju li mhux rimedjabbli u l-ħruġ ta' mandat bħal dan mhuwiex meħtieġ sine qua non għall-protezzjoni tal-pretensjonijiet tagħha."

Il-Qorti kkunsidrat dak li ġie mistqarr mill-intimat, li ċ-ċwievet ta' wħud mill-fondi milquta minn dan il-mandat, jinsabu fil-pussess esklussiv tar-rikorrenti u x'aktarx li jekk hi tibqa' inadempjenti wara li ġiet interpellata sabiex tgħaddi kopja taċ-ċwievet lill-intimat, ser ikollhom jittieħdu proċeduri kriminali kontriha, u tqis li hu ferm inverosimili li l-intimat isib mezz kif jiddisponi minn sehmu f'dawn il-proprjetajiet jekk mhux addirittura mill-proprjetà sħiħa, mingħajr ma tkun mgħarrfa b'dan ir-rikorrenti. Lanqas ma hemm il-ħtieġa li jiġi impost saff protettiv ieħor apparti l-mandat ta' sekwestru li ġie intavolat diġà sabiex ir-rikorrenti tinibixxi lill-intimat milli jittrasferixxi xi jedd li huwa għandu fuq il-vetturi elenkati fir-rikors li tressaq minnha, u dan minħabba li Transport Malta ġiet notifikata bl-effetti ta' dak is-sekwestru u għaldaqstant hemm is-salvagwardji kollha neċessarji biex dak it-trasferiment ma jseħħx.

Hu fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet li l-Qorti tikkunsidra li wieħed mir-rekwiżiti essenzjali biex jintlaqa' mandat ta' inibizzjoni, dak li l-grad ta' preġudizzju soffert minn min jitlob il-mandat irid ikun tali li ma jistax jiġi rimedjat, ma jirriżultax ippruvat. Barra minn hekk, jirriżultaw mezzi proċedurali li bihom ir-rikorrenti tista' tirrimedja sitwazzjoni fejn ikun hemm trasferiment tal-proprjetajiet elenkati minnha, b'dan illi l-element tal-'irrimedjabbilità' mhux ippruvat lanqas. In vista tal-fatt li l-mandat ta'

inibizzjoni huwa mezz proċedurali eċċezzjonali li wieħed għandu jitlob sabiex jikkawtela jedd li jemmen li għandu, kif ukoll in vista tal-fatt li hemm rimedji ordinarji li wieħed jista' jadopera f'każ li jrid iżomm it-trasferiment ta' xi proprjetajiet jew vetturi milli jsir, liema rimedju ordinarju ġie utilizzat mir-rikorrenti fl-istess ħin li talbet l-ħruġ ta' dan il-mandat ta' inibizzjoni, il-Qorti mhix tilqa' t-talba għall-ħruġ ta' dan il-mandat.

**<u>Decide</u>**

**Illi għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti in vista tal-fatt li ma jirriżultawx l-estremi stipulati fil-liġi sabiex jintlaqa' mandat ta' din ix-xorta u tirrevoka *contrario imperio* d-digriet tagħha tal-20 ta' April, 2018 sa fejn kienet laqgħet it-talba provviżorjament.**

**Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura jitħallsu mir-rikorrenti.**

Mogħti kameralment fil-25 ta' Mejju, 2018.